MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2011

Appell Civili Numru. 811/2000/3

**Parklane Investments Limited (C1573)**
**v.**
**Luigi u Pauline konjuġi Portelli u b'digriet tat-3 ta' Novembru 2009 *stante* l-mewt ta' Pauline Portelli fil-mori tal-kawża l-atti tal-kawża għan-nom tagħha ġew trasfużi f'isem żewġha Luigi Portelli bħala użufruttwarja u f'isem uliedha Paul Portelli, Mary Zahra, Joseph Portelli, Francis Portelli u Carmel *sive* Charles Portelli bħala eredi tagħha; u b'digriet tal-31 ta' Mejju 2011, *stante* l-mewt ta' Luigi Portelli fil-mori tal-kawża, l-atti ġew trasfużi f'isem uliedu Paul Portelli, Mary Zahra, Joseph Portelli u Francis Portelli f'ismu proprju u f'isem l-imsiefer Carmel *sive* Charles Portelli**

1. Din is-sentenza hija dwar talba magħmula mis-soċjetà attriċi *Parklane Investments Limited* [“*Parklane*” jew “l-attriċi”] biex jinstema’ mill-ġdid appell maqtugħ b’sentenza ta’ din il-qorti tat-30 ta’ Lulju 2010, wara li titħassar dik is-sentenza għax tgħid illi applikat il-liġi ħażin (art. 811 para. (*e*) tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili).

**Il-Fatti**

2. Il-fatti relevanti safejn jolqtu l-kawża tallum seħħew hekk. B’kuntratt tas-16 ta’ Lulju 1969 fl-atti tan-Nutar George Bonello DuPuis, il-konvenut Luigi Portelli [“Portelli”] kien ta lil *Parklane* b’titolu ta’ enfitewsi perpetwa biċċa art fil-Baħrija. Fuq il-kuntratt għal *Parklane* kien deher Winston Carbone “fil-kwalità tiegħu ta’ *managing director*”. Billi ċ-ċens ma tħallasx għal tliet snin wara xulxin, Portelli fit-13 ta’ Marzu 1973 fetaħ kawża quddiem il-Qorti tal-Kummerċ biex il-qorti tħoll l-enfitewsi perpetwa. Il-kawża saret kontra “kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lill-assenti Winston Carbone fil-kwalità tiegħu ta’ *Managing Director* tas-Soċjetà *Parklane Investments Limited*”. Il-kuraturi wieġbu illi ma jafux il-fatti u għalhekk iressqu l-eċċezzjonijiet aktar tard.

3. Fit-3 ta’ April 1973, l-ewwel jum tas-smigħ, deher wieħed mill-kuraturi u “talab żmien biex jikkomunika mal-klijent tiegħu”, u l-kawża ġiet differita għall-11 ta’ Mejju 1973. Fil-11 ta’ Mejju 1973 il-kuratur ma deherx, Portelli għalaq il-provi u l-kawża ġiet differita għas-sentenza għall-24 ta’ Mejju 1973. Fl-24 ta’ Mejju 1973 il-kawża ġiet deċiża u l-qorti laqgħet it-talbiet ta’ Portelli u ħatret nutar biex jippubblika l-att ta’ rexissjoni fit-8 ta’ Ġunju 1973.

**Iċ-Ċitazzjoni**

4. Issa, biċ-ċitazzjoni ippreżentata fit-28 ta’ April 2000 li biha nfetħet il-kawża tallum kontra Portelli u martu, *Parklane* fissret illi s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ fl-24 ta’ Mejju 1973 u l-atti tal-kawża Luigi Portelli *versus* Av. Dr Lino Agius *et nomine* ma jiswewx għax hemm vjolazzjoni tal-forma li trid il-liġi u dik il-vjolazzjoni ġabitilha preġudizzju li ma jistax jissewwa ħlief billi s-sentenza tiġi annullata. Ir-raġuni għal dan hija illi *Parklane* qatt ma kienet imħarrka biex tidher imma kien tħarrek Winston Carbone bħala *managing director* tagħha

meta dan la kien *managing director* u lanqas ma sar tentativ biex jiġi notifikat bl-atti. Minflok, inħatru kuraturi biex jidhru għall-assenti Winston Carbone u mhux għas-soċjetà *Parklane*.

5. Kompliet tgħid illi fl-1973 kellha żewġ diretturi barra Winston Carbone: Inez Scicluna u Carol Calleja, li kien assuma l-funzjoni ta' *managing director* flok Winston Carbone li kien assenti minn Malta. Dawn iż-żewġ diretturi kienu Malta fl-1973 u, kif kien igħid u jrid l-art. 12(2) tal-Ordinanza dwar Soċjetajiet Kummerċali, kellhom jiġu mħarrka f'isem *Parklane*.

6. Il-kuraturi ma għarrfux lil Winston Carbone biċ-ċitazzjoni u lanqas ma għarrfu lil *Parklane* fl-uffiċċju reġistrat tagħha jew lid-diretturi li kienu Malta. Dan ħoloq preġudizzju serju lis-soċjetà li saret taf bis-sentenza fl-aħħar żmien qabel ma fetħet il-kawża tallum: għalkemm is-sentenza kienet ingħatat sebgħa u għoxrin sena qabel, Portelli ma irreġistrahiex fir-Reġistru Pubbliku. Qabel ma saret taf bis-sentenza *Parklane* ipotekat l-art (li kellha b'enfitewsi u li ntlaqtet bis-sentenza) favur terzi, u daħlet ukoll f'negozjati ma' terzi għat-trasferiment tal-art.

7. *Parklane* għalhekk fetħet din il-kawża tallum u talbet illi l-qorti:

i. tgħid illi l-atti taċ-ċitazzjoni numru 210/1973 fl-ismijiet <u>Luigi Portelli *versus* Av. Dr Lino Agius *et nomine*</u> ma jiswewx u ma jifformawx stat quddiem l-attriċi; u

ii. tgħid illi l-art fil-Baħrija, limiti tar-Rabat, li l-attriċi kellha b'enfitewsi perpetwa hija u għadha proprjetà tagħha.

**L-Eċċezzjonijiet tal-Konvenuti**

8. Il-konvenuti Portelli ressqu dawn l-eċċezzjonijiet:

i. it-talba ewlenija tal-attriċi saret ħażin, u l-azzjoni ma tiswiex, għax is-soċjetà attriċi ma nqdietx bir-rimedju li tagħti l-liġi biex titwaqqa' sentenza li għaddiet f'ġudikat; u

ii. f'kull każ, it-talbiet tal-attriċi huma "infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda".

**Is-Sentenzi tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u tal-Qorti tal-Appell**

9. B'sentenza mogħtija fit-23 ta' Jannar 2004 il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti u ħelsithom mill-ħarsien tal-ġudizzju. *Parklane* appellat u l-Qorti tal-Appell, b'sentenza mogħtija fl-1 ta'

Diċembru 2006, laqgħet l-appell *in parte* u irriformat is-sentenza appellata billi (i) ikkonfermata fejn qalet illi ma hijiex proponibbli t-talba tal-attriċi biex jiġi dikjarat li l-atti tal-kawża numru 210/1973 ma jiswewx, u fejn ħelset lill-konvenuti mill-ħarsien tal-ġudizzju dwar dik it-talba, u (ii) ħassritha fejn qalet illi ma hijiex proponibbli wkoll it-talba biex jiġi dikjarat illi l-istess atti ma jifformawx stat quddiem *Parklane*, u iddecidiet minflok illi t-talba tista' tiġi mistħarrġa u għalhekk bagħtet l-atti lura lill-ewwel qorti biex tisma' u tiddeċiedi dwar din it-talba. Il-Qorti tal-Appell kompliet tgħid hekk:

«[Is-soċjetà attriċi qiegħda] titlob ukoll dikjarazzjoni fis-sens li l-imsemmija proċeduri "ma jiffurmawx stat in konfront tas-soċjetà attriċi". Din it-talba … … … ma twassalx għar-revoka jew tħassir tas-sentenza. Ovvjament sentenza tagħmel stat u torbot biss fil-konfront ta' dawk li jkunu parti fiha, u ma tagħmilx stat fil-konfront ta' persuni li ma jkunux parti fiha. Ġeneralment, min ma jkunx parti f'kawża mhux meħtieġ jitlob dikjarazzjoni li d-deċiżjoni aħħarija ma tolqtux, għax bħala fatt dik id-deċiżjoni tkun *res inter alios acta* għalih. F'din il-kawża, però, is-soċjetà attriċi qed tallega li ha ma kenitx parti fil-proċeduri indikati u allura ma kellhiex titteħdilha l-proprjetà; is-soċjetà attriċi, fil-fatt, fit-tieni talba tagħha qed titlob dikjarazzjoni li l-Qorti tal-Kummerċ għamlet ħażin meta ħaditilha l-proprjetà tagħha meta hi ma kenitx parti fil-kawża.

«Din il-qorti trid tagħmilha ċara li hi mhix qed tippronunzja ruħha fuq l-allegazzjoni tas-soċjetà attriċi li hi ma kentix parti fil-kawża deċiza f'Mejju tal-1973. Dan hu l-meritu tal-kawza li għad irid jiġi mistħarreg mill-ewwel qorti. Dik l-onorabbli qorti trid teżamina l-okkju tal-kawża deċiża fl-1973 u tiddeċiedi jekk is-soċjetà attriċi kenitx parti fiha jew le. Dak li qed tgħid din il-qorti hu biss li jekk persuna tallega li hi ma kenitx parti f'kawża, izda b'riżultat ta' dik il-kawża ttieħdet proprjetà tagħha, dik il-persuna għandha jkollha rimedju biex titlob dikjarazzjoni li hi ma kenitx "parti" f'dik il-kawża, li allura dik il-kawża ma tagħmilx stat fil-konfront tagħa, u l-proprjetà tagħha baqgħet tagħha.

«Il-kwistjoni mhix wahda ta' notifika, għax nuqqas ta' notifika ta' xi parti jew żball proċedurali fil-konfront ta' parti jista' jigi rimedjat biss … … … b'appell jew ritrattazzjoni ta'

dik l-istess parti. Il-punt li jrid jiġi deċiż huwa jekk is-soċjetà attriċi kenitx jew le "parti" fil-kawża msemmija u deċiża mill-onorabbli Qorti tal-Kummerċ fl-24 ta' Mejju, 1973. Dan il-punt ma ġiex affrontat mill-ewwel qorti u allura hemm lok li l-atti ta' din il-kawża jiġu rimessi quddiem l-ewwel onorabbli qorti biex din titratta u tiddeċiedi dan il-punt fid-dawl tat-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti.»

10. B'sentenza oħra mogħtija fil-21 ta' Mejju 2008 il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet l-eċċezzjoni l-oħra tal-konvenuti u ċaħdet it-talbiet tal-attriċi. L-attriċi appellat minn din is-sentenza wkoll iżda l-Qorti tal-Appell b'sentenza tat-30 ta' Lulju 2010 ċaħdet l-appell u ikkonfermat is-sentenza appellata.

11. Il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-Qorti tal-Appell biex tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata ġew imfisra hekk:

«Dak li għandha quddiemha din il-qorti huwa aggravju wieħed, u *cioè* illi s-sentenza tal-ewwel qorti m'hijiex sorretta mil-liġi, u mill-eżami tal-okkju tal-kawża oriġinali s-soċjetà appellanti ma kinitx indikata bħala konvenuta u għalhekk ma kinitx parti mill-kawża.

«Il-kompitu tal-qorti, fiċ-ċirkostanzi, kien għalhekk dak li tara fl-ewwel lok x'kienet eżattament il-proċedura kummerċjali viġenti fil-mument li nfetħet il-kawża in eżami, jiġifieri fid-data tat-12 ta' Marzu 1973, u mbagħad tara jekk din il-proċedura, hekk stabbilita, ġietx osservata jew le kif hemm ipprovdut.

«Minn dan l-eżami għandu jirriżulta li fi żmien li nfetħet il-kawża kienet għandha tapplika l-Ordinanza li tirregola s-Soċjetajiet Kummerċjali, Kapitolu 168 tal-Liġijiet ta' Malta. F'din l-Ordinanza, l-artikolu 121(2) kien jgħid hekk:

"Kemm-il darba ma jkunx maħsub xort'oħra fil-*memorandum* jew fl-istatut tal-kumpannija kull tnejn mid-diretturi, jew, jekk ikun hemm direttur wieħed biss, dak id-direttur, għandhom jirrappreżentaw lill-kumpannija."

«Dak li għalhekk għandu jsir huwa li ssir referenza għall-*Memorandum of Association* tas-soċjetà appellanti biex jiġi stabbilit min kellu r-rappreżentanza tas-soċjetà f'dak iż-żmien. F'waħda mill-klawsoli tal-*Memorandum* tas-soċjetà appellanti (ara *fol*. 25 tal-proċess) hemm speċifikat illi,

“The managing director or any other person expressly authorized by him shall represent the Company in all judicial proceedings.”
«Minn dan il-*Memorandum* jidher ukoll illi meta ġiet kostitwita din is-soċjeta` privata kien hemm żewġ azzjonisti li kienu wkoll diretturi, *ossia* Winston Carbone u Ines Scicluna.
«Mill-provi rriżulta ċar u tond li Winston Carbone kien il-*managing director* tas-soċjetà u li huwa kien irriżenja bħala direttur b’effett mit-28 ta’ Novembru 1973, ara *fol*. 19 tal-proċess. Issa għalkemm irriżulta wkoll illi fis-26 ta’ Frar 1972 Carol Calleja gie nominat bħala direttur, ma hemm l-ebda dokument li jipprova li huwa sar il-*managing director* flok Winston Carbone sakemm dan irriżenja fil-28 ta’ Novembru 1973. Dan huwa dak li kellha tistabilixxi din il-qorti.
«Il-kawża surreferita fl-ismijiet Luigi Portelli v. Av. Dr Lino Agius u P.L. Joseph Busuttil nominati b’digriet tat-12 ta’ Marzu 1973 bħala kuraturi deputati biex jirrapreżentaw lill-assenti Winston Carbone fil-kwalità tiegħu ta’ *managing director* tas-soċjetà *Parklane Investments Ltd*, ċitazzjoni numru 210/73, deċiza fl-24 ta’ Mejju 1973, bdiet u spiċċat meta Winston Carbone kien u għadu uffiċjalment direttur tas-soċjetà u għalhekk meta kien għadu *managing director* tas-soċjetà. Mill-okkju ma hemmx dubju li Winston Carbone ma tħarrikx personalment izda kien tħarrek proprju fil-kariga tiegħu ta’ *managing director* tas-soċjetà appellanti u għalhekk it-teżi tas-soċjetà appellanti ma tistax tirnexxi.
«Fl-aħħarnett meta wieħed jara l-kuntratt enfitewtiku relativ għal meta s-soċjetà appellanti akkwistat il-proprjetà *de quo* mill-appellat, kien proprju l-imsemmi Winston Carbone li deher fuq dak l-att “fil-kwalità tiegħu ta’ *managing director* tal-kumpanija *Parklane Investments Ltd*, għan-nom u fl-interess tal-istess”, (ara *fol*. 10 tal-proċess) u ħadd ħliefu. … … …
«Għalhekk *stante* li f’din il-kawża, fil-*Memorandum* hemm speċifikat li l-*managing director* għandu jkollu din ir-rappreżentanza u l-unika persuna li tirriżulta li kienet *managing director* kien proprju Winston Carbone allura neċessarjament kellu jsegwi li s-soċjetà *Parklane Investments Ltd* kienet parti mill-kawża oriġinali.»

**It-Talba għat-Tħassir tas-Sentenza u s-Smigħ mill-ġdid tal-Appell**

12. *Parklane* qiegħda issa titlob illi titħassar dik is-sentenza u illi l-appell jinstema' mill-ġdid. Ir-raġuni għat-talba, li saret taħt l-art. 811(*e*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (applikazzjoni tal-liġi ħażina), fissritha hekk:

«… fl-okkażjoni meta ngħata d-digriet tat-12 ta' Marzu 1973 li bih l-Avukat Dottor Lino Agius u l-P.L. Joseph Busuttil ġew nominati bħala kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lill-assenti Winston Carbone fil-kwalità tiegħu ta' *managing director* tas-soċjetà *Parklane Investments Limited*, it-talba saret ħażin legalment. It-talba għall-ħatra ta' kuraturi ma kellhiex issir biex dawn jidhru għal Winston Carbone bħala *managing director* tal-imsemmija soċjetà, iżda kellha sir biex il-kuraturi jinħatru sabiex jirrappreżentaw lis-soċjetà *Parklane Investments Limited*. Dan ġara għaliex it-talba ma saritx skond kif hemm maħsub fl-artikolu 929(*d*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Jiġi, għalhekk, illi s-soċjetà appellanti ma kinitx rappreżentata kif trid il-liġi. Id-disposizzjonijiet tal-artikolu 929(*d*) tal-Kapitolu 12 huma ta' ordni pubbliku u għalhekk għandhom dejjem jiġu applikati, u l-ebda qorti ma tista' tinjora x'hemm ipprovdut u stipulat fil-liġi. It-talba għal kuraturi biex jirrappreżentaw persuna minflok biex jirrappreżentaw lis-soċjetà hija monka.

… … …

«… … … sar żball ċar meta, minflok ma saret talba għall-ħatra ta' kuraturi biex jirrappreżentaw lis-soċjetà kif jimponi l-artikolu 929(*d*) tal-Kapitolu 12, saret biss talba għall-ħatra ta' kuraturi biex jirrappreżentaw lil uffiċjal tas-soċjetà li kien assenti minn Malta. Għalhekk, mhux is-soċjetà li kienet rappreżentata fil-kawża, iżda l-uffiċjal *ossia managing director* assenti minn Malta li lilu kienet mogħtija r-rappreżentanza tal-istess soċjetà kieku hawn Malta. Din hija nullità serja.

«Għaldaqstant, jirriżulta li saret applikazzjoni ħażina tal-liġi, peress li l-artikolu li kellu jiġi applikat kien l-artikolu 929(*d*) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet.

… … …

«… … …meta wieħed japplika l-liġi korretta u mhux prinċipju żbaljat, it-tweġiba hija ċara, u *cioè* li, bl-

applikazzjoni tal-artikolu 929(*d*) tal-Kapitolu 12, is-soċjetà appellanti ma kinitx parti fil-kawża għaliex ma kinitx indikata fl-okkju. Kien indikat biss il-*managing director* tagħha li jirrappreżentaha biss meta jkun hawn Malta; u għal meta jkun assenti minn Malta, il-liġi trid li jinħatru kuraturi biex jirrappreżentaw lis-soċjetà u mhux biex jirrappreżentaw lill-*managing director* assenti. »

**It-Tewġiba tal-Konvenuti**

13. Il-konvenuti wieġbu fis-17 ta' Novembru 2010 u ressqu l-eċċezzjoni illi t-talba għar-ritrattazzjoni saret ħażin u ma tiswiex. Ir-raġuni għal dan fissruh hekk:

«L-esponenti jirreġistraw mill-ewwel li t-talba għar-ritrattazzjoni tal-kawża fl-ismijiet premessi, kif impustata mir-rikorrenti *Parklane Investments Limited*, hija irritwali u ma tistax tirnexxi.

«Mill-aħħar paragrafu tar-rikors promotur jidher ċar li *Parklane Investments Limited* qed titlob it-tħassir biss tal-aħħar sentenza mogħtija minn din il-qorti fit-30 ta' Lulju 2010, u mhux ukoll tas-sentenza parzjali mogħtija minn din il-qorti fl-1 ta' Diċembru 2006. Dan ifisser li r-rikorrenti qed titlob biss it-tħassir tad-deċiżjoni li s-sentenza tal-24 ta' Mejju 1973 fl-ismijiet <u>Luigi Portelli *vs* Av. Dr Lino Agius *nomine*</u> tagħmel stat fil-konfront tagħha, u mhux ukoll tad-deċiżjoni 1-oħra li biha din il-qorti effettivament ċaħdet fis-sustanza l-ewwel talba ta' *Parklane Investments Limited* għat-tħassir tas-sentenza tal-1973. Konsegwentement, illum, is-sentenza ta' din il-qorti tal-1 ta' Diċembru 2006, li ddikjarat li s-sentenza fl-ismijiet <u>Luigi Portelli *vs* Av. Dr Lino Agius *nomine*</u>, mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ fl-24 ta' Mejju 1973, hija definiltiva u ma tistax tiġi attakkata, lanqas għal raġunijiet proċedurali; hija wkoll *res judicata.*

«L-artikolu 811 tal-Kap. 12 jipprovdi li *"**Kawża deċiża b'sentenza** mogħtija fi grad ta' appell jew mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha, tista', fuq talba ta' waħda mill-partijiet li jkollha interess, **tiġi ritrattata, wara li qabel xejn tiġi mħassra dik is-sentenza***". … … …

«Naturalment, fejn il-mertu tal-kawża jkun ġie deċiż b'aktar minn sentenza waħda. ir-ritrattand irid qabel xejn jitlob it-tħassir ta' dawk is-sentenzi kollha, wara li jipprova li hemm raġunijiet legali għat-tħassir ta' kull waħda minnhom, u 1-qorti trid neċessarjament tħassarhom kollha

qabel ma tgħaddi biex tawtorizza s-smigħ mill-ġdid tal-kawża. U dan preċiżament għaliex hija l-'*kawża*' fin-natura tagħha ta' azzjoni sħiħa, determinala mit-talbiet tal-attur u 1-eċċezzjonijiet tal-konvenut, li trid tinstema' mill-ġdid, u mhux sentenza partikolari. … … …

«… … … din il-qorti kellha okkażjoni wkoll tispjega 1-portata tal-art. 811 tal-Kap. 12 fil-każ li xi parti f'kawża titlob it-tħassir ta' sentenza parzjali u s-smigħ tal-kawża mill-ġdid, meta l-kawża tkun għadha għaddejja. … … … F'dawk iċ-ċirkostanzi ingħad ċar li 1-'*kawża*' ma tistax tinstema' mill-ġdid qabel ma tkun konkluża għal kollox, bl-intiża ċara li f'dak 1-istadju jkun irid jintalab it-tħassir ta' kwalunkwe sentenza li tkun ingħatat fil-kors tas-smigħ tal-kawża

«Huwa minnu li fil-ġurisprudenza nsibu riferenza għar-ritrattazzjoni ta' sentenzi. Ir-raġuni aktarx hi li normalment il-meritu tal-kawża jiġi determinat b'sentenza waħda finali. Però huwa ċar … … … li minkejja din id-diċitura, il-qrati tagħna dejjem żammew stretti mar-regola li r-ritrattazzjoni hija rimedju straordinarju għas-smigħ mill-ġdid tal-kawża, wara li jitħassru s-sentenzi impunjati li sa dakinhar ikunu jiddeterminaw 1-eżitu tagħha. … … …

«Din il-qorti għandha għalhekk issib li t-talba tar-rikorrenti *Parklane Investments Limited* għat-tħassir tas-sentenza tagħha fl-ismijiet premessi mogħtija minn din il-qorti fit-30 ta' Lulju 2010, u għas-smigħ mill-ġdid ta' din il-kawża, hija proċeduralment monka, u għandha tiġi miċħuda.»

14. Fil-meritu, il-konvenuti komplew wieġbu hekk:

«Mingħajr preġudizzju, lanqas huwa minnu li din il-qorti applikat liġi ħażina fis-sentenza attakkata mogħtija fit-30 ta' Lulju 2010. Il-parametri tal-mertu deċiż b'din is-sentenza huma definittivament stabbiliti fis-sentenza parzjali ta' din il-qorti stess tal-1 ta' Diċembru 2006. Il-kwistjoni jekk intużatx il-proċedura korretta biex inħatru l-kuraturi ma tinkwadrax f'dawn il-parametri għaliex fis-sentenza attakkata ġie eżaminat biss jekk jirriżultax mill-okkju tal-kawża deċiża fl-1973 li r-rikorrenti kienet parti fiha. Għalhekk, il-kwistjoni deċiża bis-sentenza attakkata ma kinetx jekk il-Qorti tal-Kummerċ fl-1973 segwietx il-proċedura korretta biex ir-rikorrenti tkun rappreżentata fil-kawża skond il-liġi viġenti dak iż-żmien, imma jekk mill-okkju jirriżultax li r-rikorrenti kienet imħarrka biex twieġeb

għat-talbiet tal-attur Luigi Portelli, u konsegwentement jekk hix marbuta bis-sentenza f'dik il-kawża.

«Fil-limiti ta' dawn il-parametri stabbiliti bis-saħħa tal-ġudikat tal-1 ta' Diċembru 2006, ma tidħolx il-kwistjoni ta' kif inħatru 1-kuraturi fil-kawża oriġinali. Din tidħol fil-mertu tal-kwistjoni li kienet determinata b'mod definittiv bis-sentenza ta' din il-qorti tal-1 ta' Diċembru 2006, u m'għandha x'taqsam xejn mal-eżami li wettqet din il-qorti fis-sentenza attakkata għaliex dan 1-eżami kien limitat biss għall-okkju. Ir-rikorrenti ma semmiet ebda żball ta' liġi fl-analiżi skjetta u preċiża li din il-qorti għamlet fis-sentenza attakkata, kemm għaliex dan 1-eżami kien essenzjalment eżami ta' fatt (1-okkju) kemm għaliex ir-rikorrenti ma tistax taħrab mill-fatt li isimha jiffigura fl-okkju tal-kawża oriġinali, kif jiffigura wkoll l-isem ta' Winston Carbone li kien jirrappreżentaha fil-qorti preċiżament fil-kapaċità li fiha kien imħarrek għan-nom tagħha.»

**Konsiderazzjonijiet dwar l-Eċċezzjoni ta' Nullità tar-Rikors**

15. Qabel ma jiġi mistħarreġ il-meritu, hija meħtieġa deċiżjoni dwar l-eċċezzjoni tal-konvenuti illi t-talba għat-tħassir tas-sentenza u s-smigħ mill-ġdid tal-kawża saret ħażin u ma tiswiex għax kellu jintalab it-tħassir mhux biss tal-aħħar sentenza iżda wkoll tas-sentenza ta' din il-qorti tal-1 ta' Diċembru 2006.

16. Din il-qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni tal-konvenuti illi kellu jintalab it-tħassir tas-sentenzi kollha li bihom inqatgħet parti mill-meritu, u mhux biss l-aħħar waħda. Jista' jintalab it-tħassir biss ta' dawk is-sentenzi li fihom min jagħmel it-talba jara xi waħda jew aktar mir-raġunijiet imsemmija fl-art. 811 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili; ma jistax jintalab it-tħassir ta' sentenza li dwarha ma jkun hemm ebda waħda minn dawk ir-raġunijiet. Li kieku l-liġi tassew kienet tgħid dak li qegħdin igħidu l-konvenuti, ma tistax tintalab ir-ritrattazzjoni ta' kawża fejn il-meritu jkun maqtugħ b'diversi sentenzi li minnhom imqar waħda biss ma jkollha ebda difett minn dawk imsemmi fl-art. 811.

17. Li trid il-liġi hu illi jekk sentenza tkun attakkata b'suċċess dik is-sentenza titħassar għal kollox, u mhux jitħassar biss xi kap wieħed jew aktar tagħha.

Naturalment, dawk is-sentenzi li ma jkunux ġew attakkati jibqgħu jitqiesu finali u jkomplu jorbtu.

18. Lanqas ma hu relevanti l-argument tal-konvenuti illi s-sentenza *in parte* ma jistax jintalab it-tħassir tagħha qabel ma tkun ingħatat is-sentenza finali għax fil-każ tallum qiegħed jintalab it-tħassir tas-sentenza finali – meta għalhekk il-kawża nqatgħet għal kollox – u mhux it-tħassir ta' sentenza preliminari.

19. L-eċċezzjoni ta' nullità tar-rikors hija għakhekk miċħuda.

**Konsiderazzjonijet dwar il-Meritu**

20. Ngħaddu issa għall-meritu. Essenzjalment, li qiegħda tgħid *Parklane* hu illi l-qorti kien imissha applikat l-art. 929(*d*) biex taħtar kuraturi biex jidhru f'isimha, *i.e.* f'isem is-soċjetà, u mhux taħtar kuraturi biex jidhru f'isem Winston Carbone fil-kwalità tiegħu ta' *managing director* tas-soċjetà *Parklane Investments Ltd*. Meta ħatret kuraturi biex jidhru f'isem Winston Carbone l-qorti kienet qiegħda tapplika ħażin il-liġi.

21. L-art. 929(*d*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, li *Parklane* tgħid illi kellu jiġi applikat, igħid hekk:

**929.** Barra mill-każijiet li fihom dan il-Kodiċi jipprovdi espressament għall-ħatra ta' kuraturi, il-qorti tista' wkoll taħtar kuraturi biex jidhru u jiddefendu fil-qrati superjuri …
… …
(*d*) fl-interess ta' kull soċjetà kummerċjali reġistrata jew stabbilita taħt l-Ordinanza dwar Soċjetajiet Kummerċjali jew kull liġi oħra li tissostitwixxi l-istess Ordinanza … … …

22. Biex sentenza titħassar taħt l-art. 811(*e*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili dik is-sentenza trid tkun applikat liġi oħra flok dik tassew applikabbli, u mhux tkun applikat il-liġi tassew applikabbli iżda applikata ħażin: fi kliem ieħor, aktar milli applikazzjoni ħażina tal-liġi, irid ikun hemm applikazzjoni ta' liġi ħażina. Huwa għalhekk illi l-art. 816 igħid illi, meta jintalab it-tħassir ta' sentenza għal din ir-raġuni, "l-attur għandu jsemmi l-liġi li kien imissha ġiet applikata".

23. Fil-każ tallum, iżda, il-kwistjoni jekk il-ħatra tal-kuraturi saritx sew – jekk kellhiex issir b'applikazzjoni tal-art. 929(*d*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, kif tgħid *Park Lane*, jew kellhiex issir, kif fil-fatt saret,

taħt l-art. 121(2) tal-Ordinanza li tirregola s-Soċjetajiet Kummerċjali – hija kwistjoni li ngħalqet bis-sentenza tal-1 ta’ Diċembru 2006, li għadha torbot għax ma ntalabx it-tħassir tagħha u li, meta bagħtet l-atti lura lill-ewwel qorti, qalet illi dik il-qorti kellha biss “teżamina l-okkju tal-kawża deċiża fl-1973 u tiddeċiedi jekk is-soċjetà attriċi kenitx parti fiha jew le”; ma kellhiex tidħol fil-kwistjoni jekk il-ħatra ta’ kuraturi saritx sew jew le, għax il-kwistjoni li kien għad fadal li tiġi deċiża ma kinitx dwar “żball proċedurali fil-konfront ta’ parti”.

24. Dawn il-parametri għadhom jorbtu, u fuqhom imxiet l-ewwel qorti meta tat id-deċiżjoni tagħha li ġiet imbagħad konfermata bis-sentenza attakkata. Ladarba s-sentenza attakkata ma kellhiex tidħol fil-kwistjoni jekk il-kuraturi nħatrux sew jew le – għax kellha biss tidħol fil-kwistjoni jekk dehrux f’isem *Parklane* jew le – ma kellhiex għalfejn tapplika l-art. 929(*d*) tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

25. Għalhekk ma kien hemm ebda applikazzjoni ta’ liġi ħażina, u t-talba għat-tħassir tas-sentenza ma tistax tintlaqa’.

**Konklużjoni**

26. Il-qorti għalhekk, wara li tiċħad l-eċċezzjoni ta’ nullità mressqa mill-konvenuti, tiċħad ukoll it-talba għat-tħassir tas-sentenza tat-30 ta’ Lulju 2010. L-ispejjeż relativi għall-eċċezzjoni ta’ nullità jħallsuhom il-konvenuti; l-ispejjeż l-oħrajn kollha tħallashom l-attriċi.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri | Giannino Caruana Demajo | Raymond C. Pace |
| Prim Imħallef | Imħallef | Imħallef |

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------